Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAT- DISGĦA LAQGĦA TAT- TMIEN KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 4 ta' Novembru 2015

**Ħin:** Mill-5.17pm sat-7.14pm

**Prezenti:** In-Nutar Dr. Ian Spiteri
Is-Sur Andre Grech
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Daniel Muscat
Is-Sur Joe Galea

## 1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat-Tmien laqgħa ta' nhar il-Ħamis 10 ta' Ottubru 2015. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara talab li fil-lista ta' dawk il-Kunsilliera preżenti kien hemm inkluz anke is-Sur Daniel Muscat meta dan ma attendiex il-laqgħa. Huwa talab li ssir korrezzjoni il-Kunsill approva din il-korrezzjoni. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Joe Galea, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Desmond Zammit Marmara. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 2. <u>Mill-Minuti</u>

Is-SE infurma lill-Kunsill li għalissa ma jistax isir iż-żbir tas-siġar li qed jostakolaw il-bankini għalissa peress li l-kuntrattur għandu n-nies kollha mpenjati mal-preparamenti tal-laqgħa taċ-CHOGM.

Is-SE infurma lill-kunsill li s'issa għad ma għandux risposta fuq it-talba li saret lil Transport Malta biex Triq San Frangisk fejn l-iskola ta' Stella Maris tiġi one way bejn is-1pm u s-2pm waqt il-ħin ta' l-iskola.

**F'dan il-ħin (5.24pm) daħal is-Sur Daniel Muscat għall-laqgħa tal-Kunsill**

Is-SE poġġa fuq il-mejda pjanti sottomessi mill-applikant tal-gate kif ser tiġi quddiem dar li kien jisimha Ave Maria fi Triq Mons FX Zahra minħabba l-parking space quddiem id-dar fejn qed jitolbu li din titneħħa.

**F'dan il-ħin (5.27pm) daħal is-Sur Andre' Grech għall-laqgħa tal-Kunsill**

Il-Kunsill talab lill-applikant biex jiġu sottomessi pjanti ġodda tal-gate peress li l-pjanta eżistenti ma kienitx qed tindika sew kif din il-gate sejra ssir.

## 3. Paġna tal-Facebook tal-Kunsill

Saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera fuq kif tista' tkun imfassla fl-aħjar interess ta' kulħadd, il-paġna tal-facebook tal-Kunsill fejn ġie deċiż li din il-paġna tittella bi prova u minn hemm tittieħed deċiżjoni jekk din tikomplix jew le.

## 4. Komunikazzjoni tas-Sindku u l-Kunsilliera

**Sindku Dr. Ian Spiteri**

Is-Sindku infurma lill-Kunsill illi s-Sur Mark Mallia permezz ta' ittra kien qed jagħti r-rizenja tiegħu min SE tal-Kunsill b'effett immedjat. Sadanittant huwa ġie nfurmat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li s- Sur Mark Mallia inħatar SE fil-Kunsill tal-Imdina u li filwaqt għandu jibda l-proċess min naħa tal-Kunsill biex jinħatar SE ġdid, id-Dipartiment qed jitlob li sakemm dan il-proċess jintemm, is-Sur Mark Mallia jinħatar Aġent SE tal-Kunsill ta' Ħal Balzan.

Il-Kunsill fuq mozzjoni tal-Kunsillier Desmond Zammit Marmara rringrazzja lis-Sur Mallia tax-xogħol li għamel u talab lis-SE biex jibda l-proċess biex jimtela dan il-post.

Is-Sindku qal li kif jaf kulħadd dalgħodu bagħat komunikazzjoni permezz ta' email fejn infurma lill-Kunsilliera li s-seduta tal-lum tispiċċa fis-7pm peress li kien ser jiġi ffirmat il-kirja tas-sede l-ġdida tal-Kunsill fejn sfortunatament inqala' kjass sħiħ fuq din il-materja li fl-opinjoni tiegħu ma kellux jinqala' dan.

Is-Sindku sostna illi ilna għal dawn l-aħħar sitt xhur għaddejjin bi preparamenti biex jinstab għall-kiri post alternattiv għall-Uffiċċju tal-Kunsill. F'dan iz-zmien kollu pprova jsib dan il-post pero' t-talbiet tas-sidien kienu esaġerati u li l-Kunsill ma jiflaħx għalihom apparti li kienet inħarġet sejħa ta' interess għal dan il-għan.

Sadanittant huwa sar jaf bi propjeta' li kienet għal kiri u tinstab f'post ċentrali fi Triq Dun Spir Sammut u wara li saru diversi negozjati mas-sidien f'Awwissu li għadda waqt is-seduta tal-Kunsill tal-10 ta' Awwissu 2015 huwa kien ppreżenta u poġġa fuq il-mejda tal-kamra abbozz tal-kuntratt ta' kirja u li l-kontenut tiegħu kien ġie diskuss fl-istess seduta.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara qal li dak inhar tas-seduta, l-Kunsill ġie mgħarraf b'dan l-abbozz verbalment imma ma tqassamx lill-Kunsilliera.

Is- Sindku wieġeb li mhux talli ma ġiex mpoġġi fuq il-mejda imma ukoll ddiskutejna fid-dettal il- klawsoli ta' dan l-abbozz ta' kirja.

Il-Viċi Sindku Andre Grech ikkonferma li dan l-abbozz tpoġġa u li talab u ngħata kopja tiegħu biex seta' jaqrah.

Is- Sindku kompla qal li għal darba darbtejn iltaqa' kemm ma' l-Onor. Stefan Buontempo u kif ukoll mal-Ministru l-Onor. Owen Bonnici u mal-Onor. Agius Decelis u spjegalhom fuq il-problema gravi tal-post ġdid tal-Kunsill. Kollha kemm huma kienu ammettew miegħu li f'Ħal Balzan hawn problema ta' postijiet kummerċjali battala. Fl-aħħar laqgħa li saret ma' l-Onor. Buontempo, konxju tal-problema kien infurmaħ li fil-mument li s-Sindku jsib post alternattiv għandu jipproċedi u jikkonkludi, tant hu hekk kien hemm il-Housing

Authority fuq ordnijiet tal-Ministru tiġri warajħ u tinfurmaħ li l-Kunsill ser jiġi żgumbrat mill-post attwali u possibilment sejjer jinzamm responsabbli għad-danni wkoll.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara tenna li l-liġi tistipola li jrid ikun hemm l-approvazzjoni tal-Ministru fuq din il-kirja, wara li jkun intbgħat lid-Direttur tal-Gvern Lokali skond l-Ariklu 48 tal-Liġi tal-Kunsilli Lokali. Huwa qal ukoll li minn dakinhar tal-10 ta’ Awwissu 2015, setgħu nbidlu xi affarijiet fil-klawsoli tal-agreement.

Is-Sindku qal li minn dan il-kuntratt per se ma nbidel xejn minn dak li ġie ppreżentat fis-seduta tal-10 ta’ Awwissu 2015 u li l-Kunsilliera kellhom biżżejjed żmien biex jaċċertaw ruħhom minn dan. Is-Sindku żied jgħid illi ma setax jirriskja illi jipposponi l-iffirmar tal-kuntratt, għaliex kien diġa wasallu għal widnejħ illi kien hemm minn offra lis-sidien kirja ogħla u termini aħjar minn dak illi kkonkluda mas-sidien, fil-fatt is-sidien infushom ikkonfermaw miegħu dan fuq li kien semgħa. Is-Sindku sostna illi ma kienx hemm propjeta’ oħra adegwata u għalhekk li kieku tlifna din l-opportunita’ konna qed nissugraw illi l-Kunsill jispiċċa bla sede u possibilment jiġi xolt.

Il-Viċi Sindku Andre Grech qal li waqt logħba futbol kien hemm preżenti ħdejh l-Onor. Buontempo fejn kien qallu biex ngħaġġlu fil-proċess biex jinstabu premises ġodda llum qabel għada.

Is-Sindku hawn hekk esiġa li jekk f’dawn it-tlett kwarti li ġejjin mhux ser jiġi ffirmat dan l-agreement huwa ser isejjaħ press conference fejn tingħata spjegazzjoni li dan l-agreement ma ġiex iffirmat għaliex id-Dipartiment għall-Gvern Lokali permezz tal-Assistent Direttur, s-Sur Silvio Frendo bagħat email lis-Segretarju Eżekuttiv fejn infurmaħ li l-Kunsill għandu jimxi ma’ l-Artiklu 48 li tinstab fil-liġi tal-Kunsilli lokali u jimxi mal-proċeduri elenkati f’MEMO 58/2012 li ma għandha x’taqsam xejn ma’ dak li qed jiġi propost li jiġi ffirmat illejla, fuq postijiet li ser ikunu jintużaw bħala uffiċċju amministrattiv tal-Kunsilli Lokali.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara baqa’ jinsisti li iva, dan l-agreement għandu relevanza ħafna u japplika ma’ dak li ġie kkomunikat mid-Dipartiment lill-Kunsill apparti li kull ma kien qed jitlob li jingħata aktar żmien biex jarah u jiġi diskuss aktar fid-dettal. Ma jistax ikun li jibqa’ jaqla’ kritika ħarxa fuq kif saru l-affarijiet.

Is-Sindku fir-rigward taż-żmien wieġeb lis-Sur Zammit Marmara li kellu aktar minn tlett xhur biex seta’ jagħmel dan.

Is-Sur Zammit Marmara wieġeb li dak kien draft agreement filwaqt li s-Sindku reġa tenna li ma nbidel xejn fl-agreement minn dakinhar u talab lis-Segretarju Eżekuttiv inizzel fil-minuti li bħala Sindku qed jieħu r-responsabbilta’ kollha fuqu u jikkonferma li ma nbidel assolutament xejn mid-draft agreement ħlief il-perjodu għax id-draft kien juri Lulju u issa qiegħed juri Novembru.

Is-Sindku kompla jitkellem fuq il-MEMO 58/2012 li kkwota s-Sur Frendo fejn din il-MEMO tittratta dwar self mill-Bank jew dawk il-Kunsilli Lokali li jkunu ser jibnu jew jixtru propjeta’ li tkun ser tintuża bħala l-uffiċċju amminstrattiv tagħhom. Għalhekk reġa tenna li jekk is-Sur Marmara ser jibqa’ jinsisti li dan ma jiġix iffirmat, min naħa tiegħu ser iċempel lis-sidien u l-avukata li dan mhux ser isir bil-konsgwenzi kollha li jista’jġib miegħu jekk ma jkunx iffirmat.

Għalhekk fil-fatt ta’ dan, bħala Sindku kien qed iressaq għal vot dan li ġej fejn tgħid li “*llum għandu jiġi ffirmat l-istess abbozz ta’ kirja għal uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill li ġie ppreżentat fl-10 ta’ Awwissu 2015 waqt laqgħa tal-Kunsill Nru 6*”. Il-Kunsill ivvota kif ġej:

Voti Favur 4 li kienu Dr. Ian Spiteri, is-Sur Andre Grech, is-Sur Daniel Muscat u s-Sur Joe Galea
Voti Kontra 1 li kien s-Sur Desmond Zammit Marmara’

Il-Kunsill approva li dan l-abbozz ta’ kirja għandha tiġi ffirmata llum stess wara li tispiċċa s-seduta.

Fuq talba tal-Kunsillier s-Sur Desmond Zammit Marmara talab li fuq din il-materja iressaq mozzjoni ta' urġenza li kien ssekondat mill-Viċi Sindku, s-Sur Andre Grech. Is-Sindku aċċetta li tiġi ttrattata fis-seduta tal-llejla fejn din il-mozzjoni tgħid hekk *"is-Sur Desmond Zammit Marmara qed jitlob li jingħata iktar żmien biex jiġi studjat sew l-abbozz ta' kirja u ssir diskussjoni dwaru, qabel jiġi ffirmat. Għandha tiġi segwita wkoll dak li tgħid il-liġi tal-Kunsilli Lokali skont l-Artiklu 48".*

Voti Favur 1 li kien is-Sur Desmond Zammit Marmara'.
Voti Kontra 4 li kienu Dr. Ian Spiteri, is-Sur Andre Grech, is-Sur Daniel Muscat u s-Sur Joe Galea.

Il-mozzjoni ma għaddietx.

**Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara**

Huwa kellu lment mingħand anzjan għax r-residenti ma ġewx infurmati biżżejjed bis-servizz ta' tilqim tal-influwenza. Is-SE infurmah li bħas-snin ta' qabel twaħħlu notices fin-notice boards tal-kunsill kif ukoll ntbagħtet ittra lill-Kappillan biex jaqra l-avviż waqt il-quddies tal-Ħadd pero' għal xi raġuni jew oħra ġejna nfurmati li dan l-avviż ma nqarax.

Il-Kunsillier reġa' ressaq l-ilment fuq l-isprall iċċekċek fi Triq Birbal. Is-SE reġa' tenna li kemm il-darba nirreferu dan l-ilment lil Transport Malta imma din ma tingħatax l-attenzjoni meħtieġa.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara qal li waqt xandira fuq ir-radio ssemma l-każ ta' permess ta' bini fi Triq San Gabriel kantuniera ma' Triq San Frangisk li kienet ntrebħet bil-qorti fejn qalu li kien hemm xi żviluppi. Is-SE infurmah li l-applikanti ssottomettew pjanti ġodda l-MEPA.

Saritlu talba biex issir zebra crossing fi Triq Balaguer fejn il-kunsill aċċetta u ser iqabbad il-perit biex jagħmel l-istudji neċessarji kif ukoll fuq il-one way fi Triq Guze Bonnici.

Talba mingħand resident li joqgħod fi Triq il-Kbira biex jiġi nstallat sleeping policeman fejn l-iskola primarja ta' San Alwigi. Il-Kunsill ħa nota ta' dan pero' ma tistax issir minħabba problema ta' għargħar f'dik l-area.

**Il-Kunsillier Joe Galea**

Is-Sur Galea infurma lill-Kunsill li l-bankina fi Triq Idmejda tlestiet mill-ħaddiema tal-Kunsill, kif ukoll l-arbuxxeli li jinsabu fi Triq il-Ferrovija l-Qadima kantuniera ma' De Paule Avenue u ż-żbir tas-siġar li jinsabu fejn Smugglers Bar.

Is-Sur Galea poġġa fuq il-medja kwotazzjoni għal tibdil tal-vitijiet u xi flushings fil-latrina pubblika. Din ser tiswa' s-somma ta' € 500. Din qed tibdel il-kwotazzjoni li kienet ġiet approvata mill-Kunsill għaliex l-ispiza kienet ser tkun id-doppju ta' dak approvat. Il-Kunsill approva.

**Il-Viċi Sindku Andre' Grech**

Is-Sur Grech poġġa fuq il-mejda tal-kamra lista ta' yellow boxes quddiem garages f'diversi toroq f'Ħal Balzan li mhux qed jintuzaw biex jiggaraxxjaw il-karozza tagħhom. Is-SE ser jibgħat din il-lista lill-pulizija biex jagħmlu l-verifiki neċessarji.

Fuq it-talba li kien għamel resident biex tiwaħħal lampa ġdida tad-dawl fi Triq Dun Gwann Hammet huwa poġġa fuq il-mejda tal-kamra ritratt fejn juri li hemm daqaxejn dlam. Il-Kunsill approva bil-kundizzjoni li l-applikant li għamel it-talba jaċċetta li titwaħħal mal-faċċata tal-propjeta' tiegħu.

Is-Sur Grech ta xi informazzjoni fuq pavimentar ġdid b'fondi tal-EU. Din ser tiġi diskussa fit-tul fil-laqgħa li jmiss.

**Il-Kunsillier Daniel Muscat**

Is-Sur Muscat infurma li d-dawl fejn il-bandli mhux qed jixgħel. Il-Kunsillier Joe Galea ser jiċċekkja.

Twassallu ilment li fi Triq il-Kbira quddiem Fringes Hairdresser, it-triq ċediet ftit u qed jinġabar xi ilma quddiem il-bieb. Il- ħaddiema tal-Kunsill ser jaraw x'jista' jsir.

Is-Sur Muscat tkellem fuq l-attivita' tal-Xmas Market li ghandu f'moħħu l-Kunsill li jagħmel.

Huwa infurma lill-Kunsill li ser jiltaqa' s-sottokumitat tal-Kultura biex jibdew il-preparamenti għal Balzan Arts and Festival tas-sena li ġejja.

## 5. Korrispondenza u Ilmenti

**Ittra Nru. 5280:** Talba mingħand il-Kazin San Gabriele biex minflok il-€ 100 li ngħata mill-Kunsill għal kunċert li ser jittella ġewwa it-Teatru Manoel jiġu mikrija tlett coaches. Il-Kunsill aċċetta u talab lis-SE biex jġib tlett kwotazzjonijiet għal laqgħa li jmiss.

**Ittra Nru 5284**: Talba mill-Kummissjoni Djakonija Parroċċa Ħal Balzan biex nhar it-28 ta' Novembru fi Triq Il-Kbira man-naħa tal-Knisja jitpoġġa mobile unit tad-demm. Il-Kunsill approva.

Dwar l-ilmenti u korrispondenzi l-oħra li rċieva l-kunsill f'dan il-perjodu, l-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta' kull min ippreżenta l-ilment.

## 6. Approvazzjoni ta' ħlasijiet u ħlasijiet ta' Petty Cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tal-4 ta' Novembru 2015 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 16,491.05

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Andre Grech li kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 26 ta' Novembru 2015 fil-5pm.

___________________ ___________________

**Dr. Ian Spiteri**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

___________________

Data